**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Nru: 1403/2024 AF**

Wara l-mandat ta' sekwestru numru 707/24 fl-ismijiet

**Miguel Grech u Mary Ann Pace f'isimhom propju u kif ukoll f'isem il-minuri binhom Diaz Grech**

**vs**

**Adrian Buttigieg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Adrian Buttigieg, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, din il-Qorti ntalbet thassar sekwestru kawtelatorju 707/2024 mahrug fil-konfront tieghu minn Miguel Grech u Mary Ann Pace f'isimhom u f'isem binhom Diaz Grech.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-sekwestranti u d-dokument maghha anness.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni intalab minn Miguel Grech u Mary Ann Pace sabiex dawn iqeghdu fis-sod pretensjoni taghhom ghall-hlas ta' danni kagunati lilhom u lil binhom minn Adrian Buttigieg meta dan dahal f'darhom stess jiggieled maghhom. Certifikati medici esibiti fl-atti tal-kawza fil-mertu juru li Miguel Grech sofra debilità fizika ta' 5%.

Adrian Buttigieg isostni illi l-ammont pretiz dikjarat ai fini tal-mandat huwa eccessiv u mhux gustifikat. Isostni wkoll illi jekk il-Qorti ma tilqax it-talba ghat-thassir tal-mandat, huwa jgawdi proprjetà immobbli li tista' toffri garanzija f'kaz li jigi kundannat ihallas danni.

Ghalhekk huwa jibbaza t-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(c), (d), (e) u/jew (f).

Il-Qorti l-ewwel nett ittenni l-insenjament tal-Qrati illi kull ezami li taghmel jibqa' essenzjalment kostrett ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Inoltre tenfasizza illi ma tistax leggerment ixxekkel il-jedd ta' kreditur li jqieghed fis-sod il-pretensjoni tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi.

Il-Qorti tibda biex tiskarta t-talba ta' Adrian Buttigieg li l-ammont pretiz huwa eccessiv u mhux ragonevoli. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' €98,664.31 mhuwiex wiehed eccessiv meta wiehed iqis illi Miguel Grech huwa ragel ta' età

zghira impjegat fil-Freeport li sofra debilità ta' 5%. Il-Qorti tinnota l-prospett dettaljat kif spjegat mis-sekwestranti fit-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat.

Ghar-rigward tal-offerta ta' Adrian Buttigieg li jaghmel tajjeb bi proprjetà immobbli tieghu, din il-Qorti fliet b'reqqa d-dokumenti esibiti u ma sabet fihom ebda referenza ghall-fond 7, "Adgra", Triq Agius Muscat, Zabbar hlief fir-rapport tal-perit tekniku *ex-parte* li certament ma jiccertifika ebda titolu.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Adrian Buttigieg kif kontenuta fir-rikors tieghu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu pendenti bejn il-partijiet.

IMHALLEF